# Mill-*iStatusAnimarum* Ta' l-1634

## *L-ewwel parti:*

## Il-Parroċċa u n-Nies ta' Birkirkara

*Kitba ta' SAL*

Għalkemm kien iffirmah ġimgħa qabel,il-W.R. Dun Indri Galea, Viċi-Rettur tal-parroċċa ta' *Birkirkara*, temm l-i*Status Animarum* tal-parruċċani tiegħu nhar il-25 ta' Awissu 1634. Sa dakinhar il-parroċċa Karkariża kienet għad ma bdietx tiffunzjona sewwa bħala Kolleġġjata minħabba kawżi kbar fil-qrati ta' Ruma mill-Isqof u l-Vigarju tad-djoċesi ta' Malta, kif ukoll mill-Grammastru Fra Antoine de Paule u mill-Kapitlu tal-Katidral. Dax-xogħol voluminuż kellu jsir użu minnu f'dawn il-kawżi u biex jagħtih aktar saħħa, Dun Indri stqarr li kien ilu 40 sena jaħdem f'Birkirkara u għalhekk kien intiż sewwa dwar dak kollu li kien qed jikteb. Dan l-i*Status Animarum* fih diversi taqsimiet. Fl-aħħar jagħti wkoll lista tal-knejjes filjali u rurali ta' Birkirkara.

Issa nħallu lil Dun Indri jitkellem u nimxu miegħu minn lista għal oħra, iżda nżommu fil-qosor. *Ta' min ifakkar li sa dik is-sena, mill-parroċċa ta' Birkirkara kienu diġà nqatgħu Ħ'Attard (1575) u Ħal Lija (1594),imma kien għadu jagħmel parti minnha Ħal Balzan, li kien raħal għalih u li għandu ċerta rilevanza f'dan l-iStatus Animarum.*



Dun Filippu Borg minn ritratt antik biż-żejt fl-Università, il-Belt

**Wisq Reverendi Saċerdoti**

Dun Filippu Borgia, Kappillan u Duttur fiż-Żewġ Liġijiet; Dun Indri Galea, Viċi-Rettur u għalliem ta' l-iskola; Dun Pawl Borg, Duttur,

konfessur u benefizzjat; Dun Ġwann Luqa Habeyer, Duttur, benefizzjat u pensjonant; Dun Indri Galea *iż-żgħir*, Duttur fit-Teoloġija u konfessur; Dun Ġamri Sammut, Duttur fit-Teoloġija, predikatur u konfessur; Dun Orlandu Habeyer, għalliem ta' l-iskola; Dun Nikol Michallef; Dun Indri Vella; Dun Anġ Hagius, benefizzjat; Dun Ġwann Pawl Habdilla; Dun Piet Sacco; Dun Ġamri Hellul; Dun Salv Borg; Dun Ġwann Borg; Dun Mikiel Hagius; Dun Orazju di Bono; Dun Ambroġ Gat; u Fra Ġamri Hagius ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

**Reverendi Djakni u Suddjakni**

Djaknu: Dun Ġwann Michallef, student tal-Liġi tal-Knisja u l-Liġi Ċivili. Kien qed jistudja fil-belt ta' Messina. Suddjaknu: Dun Ġwann Borġ, li kien jistudja l-Morali.

**Kjeriċi bl-Ordnijiet Minuri**

Battista Zarb, benefizzjat, jistudja l-Liġi tal-Knisja u l-Morali; Duminku di Bono, student tal-Filosofija u l-Morali; Ġużeppi Borg, benefizzjat, jistudja f'Ruma; Mattjolu Calleja, organista u jdoqq il-kurunetta; Ċensu Zarb; Ġwann Pawl Hellul; Ġanni Calleja; Ġużepp . . . . .; Duminku Borg, student fl-iskola tal-Ġiżwiti; Klemenzju Borg, student bħal ta' qablu; Indri Borg; Toni Borg; Kaspru Borg; Duminku Bellia; ħuh Pietru Bellia; Toni Farrugia, organista; Ġanni Borg bin il-mejjet Masu; Mattjolo di Bono; Karlu Zarb; Salvu Mifsud; Masu Borg; Ġamri di Angelo; u Duminku Michallef iben Wenzu.

**Kjeriċi Miżżewġa**

Toni Mifsud; Ġwann Pawl Borg; Franġisku Greg; Marju Chetcuti; Duminku Michallef bin il-mejjet Ċensu; Duminku Michallef bin il-mejjet Nikol; Wenzu Michallef u Salvu Zarb.

**Dutturi fil-Liġijiet Ċivili u tal-Knisja**

Dun Filippu Borgia; Dun Pawl Borg; Dun Battista Chetcuti, Kappillan ta' Ħal Għargħur u prokuratur tal-Monasteru tas-sorijiet tal-klawsura ta' l-Imdina; Dun Dumink Farrugia, Kappillan tas-Siġġiewi; Dun Ġwann Luqa Habeyer, benefizzjat; u Mark Antonju Hellul li kien l-Imħallef f'Għawdex u issa tal-kawżi ċivili fl-Imdina. Kien ukoll Imħallef tal-kriminal fil-Belt.

**Dutturi fis-Sagra Teoloġija**

Dun Indri Galea *ż-żgħir*; Dun Ġamri Sammut; Dun Anton Michallef, Kappillan tal-parroċċa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun.

**Nies li jafu jaqraw u jiktbu**

Fost dawm imsemmijin: Marjanu Borg iben Mattew; Duminku Vella bin Ġamri; Ġulju di Bono iben Wiġi;


ELETTIONARIO
DELL'EMINENTISSIMO E REVERENDISSIMO
GRAN MAESTRO GIEROSOLIMITANO
Conforme à i Statuti della ſua Religione, ſacri Canoni, &
alla Conſtitutione Apoſtolica della Santità di N. Sig.
PAPA VRBANO OTTAVO.
*Diuiſo in cinque parti per Seſſioni, & Auuertimenti, con l'aggiunta d'alcune note molto vtili, e neceſſarie per rimouere le difficoltà, che occorreranno.*
Regiſtrato tutto con ordine tale, che in quattro giorni, fuor di quello della morte, ſi potrà commodamente fare, e compire l'Elettione Magiſtrale.
Compoſto dal Reu. Don Gio. Luca Hebeier Malteſe dalla Villa di Bircarcara, Sacerdote Dottore dell'vna, e dell'altra Legge.
CON DOPPIO INDICE
*Il Primo delle Parti, Seſſioni, & Auuertimenti.*
*Il Secondo delle Coſe notabili, che in eſſo ſi contengono.*
IN TODI
Per il Cerquetani 1634. Con lic. de' Sup.

Il-frontispizju tal-ktieb li kien sewa bosta inkwiet lill-Kan Dun Ġwann Luqa Ebejer

Roucherlon, Kaptan ta' l-Armi; Gunsalv Farrugia, Bandulier; Marju Mallia, Alfier li jżomm l-istendard ta' Birkirkara; Ġakbu Galea, Alfier ieħor; Xmun Borg, surġent; Toni Borg, Kuntistabbli; Ġulju Borg, Kuntistabbli ieħor u Ġanni Pulliċino, kuntistabbli wkoll.

### Suldati u nies oħra mħallsin mill-Ordni

Bastjan Seychel u Xmun Micallef – dawn it-tnejn, darba wieħed u darba l-ieħor, flimkien mal-Kap tagħhom il-Bandulier, kienu jżuru l-għassiesa ta' bil-lejl; Ġlormu Vassallo, kapural fuq ix-xini l-kaptana; Ġlormu Borg u erba' suldati oħra, tnejn minnhom ħajjatin; Ġulju Feliċi u Anġlu Borg, gwardjani ta' l-Infirmerija; u Duminku Psayla, bumbardier li qabel kien Kastellan fil-fortizza ta' San Pawl il-baħar. Dan Psayla, billi kien kiber fl-età, kien ingħata pensjoni ta' sitt skudi fix-xahar.

Suldati oħra kienu: Wistin Borg, bombardier li kien stazzjonat bħala Kastellan fl-imsemmija fortizza ta' San Pawl il-Baħar u kellu paga ta' sitt skudi fix-xahar. Nardu Borg, bombardier ieħor, li kien stazzjonat bħala

Adrianu Zarb iben in-Nutar Ferdinandu; Mikiel Mifsud bin il-mejjet Ġanni; u 31 raġel ieħor. Ebda isem ta' mara ma jidher.

### Nutara

Ferdinandu Zarb mogħni b'Awtorità Apostolika u tal-Grammastru; Ġwann Pawlu Hellul mogħni bl-Awtorità tal-Grammastru.

### Fizzjali ta' Birkirkara

Il-Manifku Fizzjal Fra Rafel

Kastellan ukoll fil-fortizza ta' Wied il-Għajn u kien jaqbad ukoll sitt skudi fix-xahar. Ġanni Michallef, ajjutant bombardier fuq ix-xwieni; Ċikku Habeyer, bombardier u skarpar li kien jirċievi pensjoni tax-xjuħija. Ġużeppi Bonello, bombardier u ħajjat, u Marku Zarb, bombardier li qabel kien Kastellan tal-fortizza msemmija ta' San Pawl il-Baħar.

Minbarra milli kien hemm iżjed suldati, insibu wkoll lil Ġabku Vassallo li kien l-argużin irjali fil-ħabs ta' l-ilsiera u kien jitħallas 300 skud fis-sena. Miegħu kellu bħala gwardjani lil Indri Bonavia, Marju Mifsud u Marku Michallef. Ġanni Michallef iben Mattew kien l-argużin fuq ix-xini Santa Marija filwaqt li Toninu Felici kien is-sottu-argużin tax-xini San Karlu. Ġorġ Mormon kien fizzjal u tmunier tax-xini Sant'Antnin. Barra minn hekk, hu jitħallas tliet skudi fix-xahar talli kien ħa sehem fil-qbid tal-fortizzi ta' Lepanto. Ma' dawn kien hemm għadd ieħor ta' fizzjali u tmuniera fuq ix-xwieni ta' l-Ordni, kif ukoll suldati, skrapar u ħajjatin.

**Nies tat-tajjeb f'Birkirkara**

Hemm total ta' 113-il persuna f'Birkirkara, deskritti bħala *komdi* jew tat-tajjeb. Hemm ftit oħra mniżżlin bħala *comodissimi* – sinjuruni. Fost il-*komdi* Karkariżi hemm ħajjatin, bandulieri, bennejja, mastrudaxxi, neguzjanti bil-ħwienet tal-merċa, skrapar, furnar li xogħlu kien il-Belt Valletta, romol, Kuntistabbli, Alfier tal-Kavallerija u kjeriku.

Jissemma wkoll bħala *komdu* Ferdinandu Farrugia li kien jieħu ħsieb li jmantni lil ibnu Dun Dumink li kien il-kappillan tas-Siġġiewi li ġà ssemma, lil ibnu l-ieħor, id-Duttur Fra Nikola li kien membru ta' l-Ordni, lil iben bintu u iben in-Nutar Wenzu Grima li wkoll kien jappartjeni għall-Ordni, kif ukoll lil ibnu ieħor Ansalvu li kien jokkupa kariga għolja ħafna fl-istess Ordni minfejn kien ukoll jitħallas.

Karkariż importanti u *sinjurun* ieħor kien Pawlu Borg, li fl-aħħar tnax-il sena kien it-Teżorier ta' l-Universitàtal-Belt. Kien jieħu ħsieb ibnu Pawlu Antonju li kien mar fil-belt ta' Messina biex jistudja l-Liġi tal-Knisja u l-Liġi Ċivili, kif ukoll il-mużika. Dan Pawlu Antonju nħatar minn Ruma kanonku tal-Kolleġġjata ta' Birkirkara li kienet qed titwaqqaf. Pawlu Borg kellu wkoll iben ieħor li kien membru ta' l-Ordni, u tifla li daħlet soru tal-klawsura fil-monasteru ta' Sant' Ursla u ħadet magħha dota qawwija ta' 1,500 skud. Kellu tifla oħra li wkoll marret soru tal-klawsura, imma fil-monasteru ta' Santa Skolastika u ħadet magħha dota ta' 500 skud biss.

Ma' l-ismijiet tal-Karkariżi *komdi*

jidher dak ta' Anġlu Borġ iben il-mejjet Wistin. Hu kien missier Dun Xmun, qassis u mużiċista fil-knisja konventwali ta' San Ġwann tal-Belt. Kellu iben ieħor, Dun Ġlormu, li kien Ruma kif ukoll żewġ ulied oħra patrijiet ta' l-ordni ta' Santu Wistin. Kien żewweġ tliet uliedu bniet u ddotahom b'elf skud kull waħda. Jissemma wkoll Wistin Borg li kien miżżewweġ man-neputija ta' wieħed mill-uffiċċjali tal-Grammastru u kien intbagħat bħala ambaxxatur fi Sqallija biex jixtri l-qmugħ f'isem l-Università ta' Malta.

Hemm ukoll Duminku Michallef iben Ġużepp li hu responsabbli mill-ħażna tal-qmugħ fil-Belt. Kellu ibnu Ġakbu li kien tabib u miżżewweġ lil oħt l-Illmu. Prijur tal-Knisja Konventwali ta' l-Ordni. Dawn kellhom tifel, Fra Lorenzo, membru ta' l-istess Ordni, u tifla jisimha Oliva li welldet lil Dun Ġużepp, lill-Kjeriku miżżewweġ Lorenzo, lill-Kjeriku Girgor, lil Wistin u lil Fra Rokku li daħal mal-patrijiet Franġiskani *ta' Ġieżu.*

Minbarra dawn in-nies tat-tajjeb, kien hemm ukoll Ġorġ Farrugia li għal ħafna snin kien uffiċċjal tad-dwana ta' Malta. Kellu erba' wlied subien: l-ewwel wieħed Mark Antonju li laħaq Ġurat tal-Belt Valletta u ntbagħat bħala ambaxxatur fi Sqallija biex hu wkoll iġib il-qmuħ għan-nom ta' l-Università. Dan kellu tifel jismu Battista li żżewweġ lis-Sinjura Marija ta' nisel nob bli. Kellu wkoll tifla li żżewġet lid-Duttur Giovanni Camenzuli, avukat tal-ħabsin ta' l-Inkwiżizzjoni u bniedem *sinjurun*. Fost ulied dawn ta' l-aħħar kien hemm Pawlu li żżewweġ lil bint il-mejjet Duttur Bertu Tabone li kien imħallef fil-Qorti l-Għolja tal-Kastellanja. Din ħadet magħha dota mhix żgħira.

**Familji fil-parroċċa ta' Birkirkara**[1]

F'Birkirkara kien hemm mal-500 familja u djar u f'kull waħda minnhom kienu jgħammru bejn persuna waħda u għaxar persuni. It-tfal li ma kinux għamlu l-Ewwel Tqarbina huma mniżżlin għalihom. Hekk ukoll jidhru l-qassisin tal-parroċċa: Dun Piet Sacco, Dun Salv Borg, Dun Indri Galea, Dun Indri Galea *ż-żgħir*, il-Kappillan u Rettur Dun Filippu Borgia u Dun Pawl Borg li kienu joqogħdu fl-istess dar flimkien ma' qarib tagħhom u mas-serv Bażilju, u Dun Orlando Habeyer. Minbarra l-Kappillan Borgia, il-qassisin l-oħra kollha kienu joqogħdu waħedhom. Kien hemm ukoll Dun Nikol Michallef li kien jgħix fl-istess dar m'ommu.

---

1 Mhux magħduda dawk ta' Ħal Balzan.